MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2006

Numru 737/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Cordina**

**V**

**ADRIAN CUTAJAR**
**HAROLD BUHAGIAR**
**NAZZARENO BUHAGIAR**
**JESMOND BORG**
**MICHAEL SULTANA**
**CHRISTOPHER JAMES HUGHES**
**JOSEPH MARY DIFESA**
**RENALD FORMSTON**
**ANTHONY FORMSTON**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **ADRIAN CUTAJAR** ta' tnejn w ghoxrin sena bin Carmel u Salvina nee Camilleri, imwieled

H'Attard nhar t-tlettax ta' Marzu 1979 u residenti 'Charsilv', Triq San Tumas, B'Bugia, detentur tal-karta tal-identita numru 144279M, **HAROLD BUHAGIAR** ta' hamsa w hamsin sena bin Saviour u
Carmela nee Abela, imwieled il-Belt Valletta fit-tmienja ta' April 1946 u residenti Block A, Flat 1, Bini tal-Gvern, Triq l-Ifran, Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 324546M; **NAZZARENO BUHAGIAR** ta' wiehed u tletin sena bin Joseph u Vincenza nee Baldacchino, imwieled Pieta fit-tlettax ta' Ottubru 1970 u residenti 'Freddy Helly', Flat 2, Triq Notabile, B'Kara, detentur tal-karta tal-identita numru 442470M; **JESMOND BORG** ta' tlieta w tletin bin Victor u Josephine nee Grima, imwieled Pieta fis-sebgha ta' Novembru 1967 u residenti 'Casa Borg', Triq il-Qattus, Ghaxaq, detentur tal-karta tal-identita numru 464867M; **MICHAEL SULTANA** ta' hamsa w hamsin sena bin Angelo u Giovanna nee Ciantar, imwieled il-Belt Valletta fit-tlieta w ghoxrin ta' April 1975 u residenti Block A, Flat 1, Bini tal-Gvern, Triq l-Ifran, Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 232575M; **CHRISTOPHER JAMES HUGHES** ta' tnejn u tletin sena bin James u Anna Maria nee Caurana, imwieled Pieta fil-wiehed u ghoxrin ta' Jannar 1969 u residenti 10, Xatt ta' Spinola, San Giljan, detentur tal-karta tal-identita numru 118269M; **JOSEPH MARY DIFESA** ta' hamsin sena bin Joseph u Maria nee Farrugia, imwieled il-Belt Valletta

fil-wiehed w ghoxrin ta' Settembru 1951 u residenti 'Villa Difesa', Triq Santa Klara, Bahar ic-Caghaq, detentur tal-karta tal-identita numru 723051M, **RENALD FORMSTON** ta' tmintax il-sena, bin Anthony u Carmen nee Fenech, imwieled Pieta nhar s-sitta w ghoxrin ta' Awissu 1983 u joqghod 177, Flat 13, Triq San Kristofru, Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 476583 u **ANTHONY FORMSTON** ta' tlieta w tletin sena, bin Anthony u Carmen nee Fenech, imwieled Pieta nhar t-tmintax ta' Novembru 1967 u residenti 177, Flat 13, Triq San Kristofru, Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 476667M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru 2000 u fil-gimghat precedenti, fil-Belt Valletta,

a. ghamlu uzu xjentement ta' marki, sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija jew bieghu merkanzija b'din il-marka, sinjal jew emblema jew wahhlu deskrizzjoni kummercjali falza jew bieghu,

zammew jew impurtaw ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbha;

b. Talli bi qligh jew bi skop ta' kummerc, bieghu, qassmu jew mod iehor offrew ghal bejgh jew biex jitqassmu xi artikolu tal-hwejjeg u cioe Audio Compact Discs u Playstation CD's bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha;

c. Talli bi qligh jew bi skop ta' kummerc, stampaw, immanifatturaw, iddupplikaw jew mod iehor irriproducew jew ikkupjaw, jew bieghu, jew qassmu jew mod iehor offrew ghal bejgh jew biex jitqassmu minn post jew minn gewwa post li hu kopert b'licenzja, xi artikoli jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johrorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha;

d. Talli Adrian Cutajar, Nazzareno Buhagiar, Jesmond Borg, Michael Sultana, Christopher James Hughes, Joseph Mary Difesa u Anthony Formston saru recidivi ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gew kkundannati b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali esebit fl-atti bhala dokument CSH 20 [fol 70] datat sitta ta' Dicembru 2001 sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputati, din il-kawza tigi mmexxija bi procedura sommarja.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja kif iddikjaraw nhar t-

tmintax ta' Frar 2001 meta sarilhom l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fil-presenza tal-avukati difensuri taghhom [fol 71 et seq].

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta ta' nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Marzu 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar d-disgha ta' Mejju 2002 **xehed l-Ispettur Joseph Cordina** [fol 88] fejn esibixxa disgha pakketti CD's u li gew mmarkati bhala dokument CSH. Flimkien ma dawn s-CD's, ix-xhud esibixxa elenku ta' CD's li jinsabu f'dawn il-pakketti u fl-istess lista hemm elenkati s-CD's li jinsabu ghand diversi persuni imputati. Din il-lista giet mmarkata bhala dokument CSH 21.

Spjega li nhar t-Tnejn, t-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru 2000 filghodu, hu, flimkien ma PS 130 Ivan Cilia, PS 494 Gordon Pace u PC 824 Arthur Mercieca, ghamlu spezzjoni fuq il-Monti fejn gabru numru ta' CD's kif jidher fil-lista esibita u dan minghand diversi *hawkers* li gharaf presenti fl-awla. Qal li dakinhar huma ma kienux tawhom ricevuta ghas-CD's li kienu gabru izda mill-ewwel isseparawhom f'pakketti fuq il-Monti stess, gew immarkati minghand min kienu ngabru u baqghu fil-kustodja tieghu sa dakinhar li gew esibiti il-Qorti nhar d-disgha ta' Mejju 2002 . Qal li b'dan ried jfisser li bl-ebda mod ma dawn thalltu minn pakkett ghal iehor. Qal li xi CD's gew elevati b'mod separat, gew ippakkjati b'mod separat u *labelled* fil-presenza ta' kull imputat dakinhar stess u <u>ma tax ricevuta bhal ma soltu jaghmel</u>, minhabba li ma kienux fil-pussess tieghu. Qal li mill-ewwel deher li dawn ma kienux originali specjalment fejn jidhlu *playstation games* kif wkoll CD's tal-musika w ghalhekk zammewhom. Qal li sussegwentement hu kien baghat ghal imputati u ressaqhom il-Qorti.

Illi nhar d-disgha ta’ Mejju 2002 **xehed PS 130 Ivan Cilia** [fol 92] fejn qal li fit-tlieta w ghoxrin ta’ Ottubru 2000 kien involut fi spezzjoni l-Belt Valletta minn fejn gew elevati diversi CD’s minghand bejjiegha fosthom Jesmond Borg, Alfred Sultana, Adrian Cutajar, Marco Buhagiar u Nazzareno Buhagiar. Qal li flimkien ma ufficjali ohra tal-pulizija, elevaw numru ta’ CD’s, ippakkjawhom f’basktijiet u nizzlu l-isem ta’ kull persuna minghand min kienu gew elevati. Hu kkonferma li l-pakketti esibiti fl-atti huma l-istess oggetti li huma elevaw minghand l-imputati presenti fl-awla.

Illi nhar d-disgha ta’ Mejju 2002 **xehed PS 494 Gordon Borg** [fol 94] fejn qal li fit-tlieta w ghoxrin ta’ Ottubru 2000 fuq strruzzjonijiet tal-Ispettur Joseph Cordina, hu mar jaghmel spezzjoni fuq il-Monti l-Belt Valletta flimkien ma PS 130 Ivan Cilia. Qal li dakinhar huma marru fuq diversi bejjiegha fosthom Jesmond Borg, Michael Sultana, Adrian Cutajar, Nazzareno Buhagiar u Marco Buhagiar. Qal li minghand dawn il-persuni elevaw numru ta’ CD’s li gew *labelled*, mitfugha go basket separatament u rispettivament skond il-persuna minn fuq min kienu gew elevati. Hu kkonferma li l-pakketti esibiti fl-atti huma l-istess oggetti li huma elevaw minghand l-imputati presenti fl-awla.

Illi nhar d-disgha ta’ Mejju 2002 **xehed PC 824 Arthur Mercieca** [fol 92] fejn qal li fit-tlieta w ghoxrin ta’ Ottubru 2000 fuq strruzzjonijiet tal-Ispettur Joseph Cordina, hu mar jaghmel spezzjoni fuq il-Monti l-Belt Valletta li jbieghu CD’s flimkien ma zewg surgenti ohra fosthom PS 130 Ivan Cilia u PS 494 Gordon Borg. Qal li marru fuq diversi bejjiegha u minghand dawn il-persuni elevaw numru ta’ CD’s li gew *labelled*, impoggija go basktijiet separati u rispettivament skond il-persuna li minghandha kienu gew elevati. Hu kkonferma li l-pakketti esibiti fl-atti huma l-istess oggetti li huma elevaw minghand l-imputati presenti fl-awla.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta’ Gunju 2004 **xehed Martin Bajada** [fol 132] fejn qal li b’digriet tat-tmintax ta’ Frar 2004, [fol 125] hu kien gie nominat sabiex jaghmel l-

ezamijiet necessarji fuq l-esibiti f'dan il-kaz u ppresenta r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument MB [fol 133 et seq]. Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li l-mija u sittin *compact diskettes* li gew elevati kienu kollha *non-compliant* [fol 138].

Illi nhar t-tnax ta' Ottubru 2004 **xehed Dottor Patrick Galea** [fol 163] fejn qal li hu f'dan il-kaz ma ppresenta ebda kwerela lil Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti sejra l-ewwel tindirizza t-tieni akkuza moghtija mill-Prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputati, u dan ghaliex sabiex tigi moghtija din l-akkuza, jinhtieg li l-istess Prosekuzzjoni tesibixxi fl-atti l-kwerela tal-parti lesa [vide Artikolu 298B(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta].

Illi minn ezami tal-atti processwali, ma jirrizultax li l-Prosekuzzjoni esibiet tali kwerela w in oltre, ghandha wkoll dikjarazzjoni maghmula minn Dottor Patrick Galea nhar t-tnax ta' Ottubru 2004, li jghid li kwerela f'dan il-kaz, ma ppresentax w ghalhekk in vsta ta' dan in-nuqqas tal-Prosekuzzjoni, din l-akkuza zgur li ma tistax tirrizulta w in oltre, qatt ma mesha nghatat fil-konfront tal-imputatui, jekk qabel ma giet mahlufa l-istess akkuza il-Prosekuzzjoni ma kelliex il-kwerela.

Jigi nnutat wkolol li tali kwerela hija essenzjali sine qua non u minghajr l-istess dokument, din l-akkuza m'ghandhiex tinghata [vide **Il-Pulizija v Alexandra Pisani** ***deciza nhar il-hamsa ta' Marzu 1997 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.***]

Dwar t-tielet akkuza u cioe dik moghtija ai termini tal-Avviz Legali numru 120 tas-sena 1992, il-Qorti rat s-sentenzi msemmija mid-Difiza fit-trattazzjoni taghha w appuntu dawk moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbgha w ghoxrin ta' April 2002*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v**

**Eugenio Frantz** u dik recenti fl-ismijiet **Il-Pulizija v Jacqueline Hughes** deciza ***nhar l-ghaxra ta' Marzu 2006***.

Minn ezami ta' dawn is-sentenzi jirrizulta li fil-kuntest tal-kawza odjerna, dawn d-disposizzjonijiet jipprovdu essenzjalment li minn ikollu licenza tal-pulizija biex izomm hanut jew licenzja ta'hawker, u b'xi mod ikollu ghal bejgh jew ibiegh xi haga bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur, li jkollu persuna ohra u li jkunu protetti bil-ligi ta' Malta jew taht l-ligi ta' Malta, jitqies li jkun qieghed izomm dak l-hanut jew dik il-posta minghajr d-debita licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Ghalhekk kif irriteniet il-Qorti fuq imsemmija fis-sentenzi fuq indikati, r-reat ipotizzat f'din t-tielet imputazzjoni, hija fil-kawza odjerna, dik li kien kontemplat fl-artikolu 181(1) tal-Kap 10. "*Dan r-reat*" tkompli tghid l-imsemmija sentenza li, "*huwa ta' natura kontravenzjonali* [artikolu 318 tal-Kap 10] *u ma jiddepartix mill-kwerela tal-parti lesa … u jista jissusisti taht certi cirkostanzi, anke jekk dak li jkun ma jkunx gie akkuzat bir-reati kontemplati fl-artikolu 298B tal-Kodici Kriminali jew ikun gie hekk akkuzat izda lliberat …*"

Issa, jirrizulta li bejn d-data meta l-pulizija nvestigaw l-kaz in kwistjoni [t-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru 2000] w id-data tal-presentata tal-kaz fil-Qorti [tlieta ta' Dicembru 2001], kienet ghaddiet aktar minn sena. Konsegwentement, stante li kif gia ntqal, r-reat ipotizzat fit-tielet imputazzjoni 'n kwantu jirreferi ghal artikolu 181 tal-Kap 10, huwa reat ta' natura kontravenzjonali, l-azzjoni fir-rigward ta' dik t-tielet imputazzjoni, gie preskritt.

Dwar l-ewwel akkuza, l-imputati huma akkuzati bir-reat ipotizzat fl-artikolu 298(1)(c)(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe bil-qerq fil-kummerc w industrija.

Issa, f'dan il-kaz, il-Prosekuzzjoni ressqet bhala xhieda biss tlett membri tal-Korp tal-Pulizija kif wkoll lil Ispettur Prosekutur. Ilkoll kemm huma qalu li huma elevaw diversi CD's minghand diversi persuni mputati u dan wara li

ghamlu spezzjoni fuq il-Monti fuq diversi *hawkers*. Il-pulizija wkoll qalu li dawn s-CD's li gew elevati gew ppakkjati b'mod separat fis-sens li gew indikati ta' min huma u baqghu ghand il-pulizija sakemm eventwalment gew esibiti l-Qorti nhar d-disgha ta' Mejju 2002, sena w nofs wara li gew mehuda minghand l-imputati odjerni.

Illi l-merkanzija li giet esibiti giet ezaminata mill-espert tekniku nominat mill-Qorti Martin Bajada li kkonkluda li l-merkanzija li huwa ezamina kienet li l-analizi li saret fuq il-*compact diskettes*, kienet wahda li tat rizultat ta' *non compliant* [fol 138] u dan jfisser li fil-fehma tieghu l-prodott mhux konformi fil-kwalita, fl-apparenza, fil-kontenut u fl-ippakkjar mal-prodott licenzjat mill-awturi rispettivi.

Illi mill-provi prodotti, ma jirrizultax kif effettivament gew elevati dawn s-CD's u appuntu mill-liema *stall*, lil min kienet licenzjata tali *stall*, u jekk kienux f'xi post iehor, per ezempju f'xi vann jew lil min jghajjat il-vann.

L-imputati ma xehdux f'dawn il-proceduri u lanqas ma rrilaxxjaw xi stqarrija w ghalhekk il-provi f'din il-kawza huma dawk prodotti biss mill-istess Prosekuzzjoni.

Minn ezami tal-packing tal-merkanzija esibita, liema *packing* tifforma parti mir-relazzjoni tal-espert tekniku, jirrizulta biss li hemm indikat l-isem tal-imputat u n-numru ta' CD's. Illi jirrizulta wkoll li dawn ma gewx sigillati meta gew elevati u lanqas ma l-imputati ffirmaw ghalihom u lanqas m'inghataw ricevuta ndividwali ghalihom.

Illi zgur li din ma hiex il-procedura idoneja sabiex oggett li jigi elevat allegatement fil-presenza ta' terzi, jigi konservat, molto piu meta tqis li dawn gew esibiti l-Qorti sena u nofs wara.

Il-Prosekuzzjoni akkuzat lil imputati li huma kienu qed ibieghu din il-merkanzija [mija u sittin *compact diskettes*] b'indikazzjonijiet li jistghu jqarrqu lix-xerrej, dwar x-xorta tal-merkanzija.

Issa mill-provi prodotti zgur li ma jirrizultax li l-imputati poggew fic-cirkolazzjoni, bieghu jew zammu ghandhom ghal bejgh dawn s-CD's li mhux originali b'qerq volut u xjenti. Minn imkien ma jirrizulta li l-imputati fl-ewwel lok kienu qed jbieghuhom ghaliex lanqas prova li huma *hawkers* ma ngabet jew fuq liema *stall* kienu, f'kaz li kienu, u jirrizulta biss li s-CD's esibiti kienu ffalsifikati jew *pirated copies* izda mhux li kienu qed jinbieghu b'qerq lil terzi bhala originali b'dannu ghal istess terzi ghaliex fil-fatt lanqas fuq prezz ma ntqal xi haga [vide **Il-Pulizija v John Peresso *deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn ta' Settembru 1998***].

Illi pero dan r-reat jippotizza sitwazzjoni ohra u cioe li l-imputati zammew ghandhom ghal bejgh xjentement CD's foloz, jew imxebbhin b'qerq.

Illi bir-rispett kollu, mill-provi prodotti l-Prosekuzzjoni m'irnexxilhiex tipprova li l-imputati kellhom din il-merkanzija ghal bejgh jew li zammew jew impurtaw din l-istess merkanzija ghal hsieb ta' kummerc u ghaldaqstant lanqas dawn r-reati jirrizultaw ppruvati.

**Il-Qorti ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-artikolu 49, 50, 298(1)(c)(f), 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Avviz Legali 120/1992 tiddikjara li ma ssibx lil imputati ADRIAN CUTAJAR, HAROLD BUHAGIAR, NAZZARENO BUHAGIAR, JESMOND BORG, MICHAEL SULTANA, CHRISTOPHER JAMES HUGHES, JOSEPH MARY DIFESA, RENALD FORMSTON u ANTHONY FORMSTON hatja tal-akkuzi moghtija fil-konfront taghhom, u tilliberhom minnhom.**

**Il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lil imputati jhallsu l-ispejjes tal-espert nominat f'din il-kawza stante li ma sabitx lil istess imputati hatja tal-akkuzi kif moghtija fil-konfront taghhom.**

**Illi nonostante li l-Qorti ddikjarat lil imputat mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom, xorta**

**qed tordna l-konfiska tal-oggetti esibiti materjalment mill-Ispetur Joseph Cordina f'dawn il-proceduri bhala dokument KA 47/02, stante li l-istess materjal huwa *non-complaint* mal-originali.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------